MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2004

Talba Numru. 159/2004

**Maltacom Plc**

**vs**

**Andreana Zerafa**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-22 ta' Jannar, 2004 fejn gie mitlub li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlieta u disghin liri maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm93.25) liema ammont huwa dovut lis-socjeta attrici in konnessjoni ma servizz telefoniku bin-numru 235497, liema servizz gie nstallat fil-fond "Judith House", Thistle Lane, Paola, skond diversi kontijiet mibghuta, kopja tal-prospett anness mmarkat Dok A u kopja tal-kuntratt ghas-servizz anness u mmarkat Dok B.

Bl-ispejjez u bl-interessi legali kontra l-koonvenuta.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenuta giet regolarment notifikata, naqset milli tidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlieta u disghin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm93.25), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenuta skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------